MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 30/2002/1

**Francis Borg**

**Vs**

**Kevin Davison**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u tlett mitt lira Maltin (Lm3300) jew ammont verjuri in linea ta’ danni mill-konvenut ikkagunati u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Mellieha fl-1 ta’ Lulju 2001 meta waqt li kien qed isuq il-vettura Nru DBH 372 habat mal-vettura Nru JBB 779, propjeta’ tal-attur u misjuqa minn Carl Borg – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2001, u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-5 ta' Dicembru 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti Kevin Davison huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' Kevin Davison pero b'tort u ta' Carl Borg sewwieq tal-vettura numru JBB 779 u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti Kevin Davison m'huwiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;
2. Illi fi kwalunkwe kas u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess id-danni reklamati huma esagerati.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-vettura propjeta tal-attur, bin-numru ta' registrazzjoni JBB 779, meta gara dan l-incident kienet qed tinsaq minn ibnu <u>Carl Borg</u> li xehed (fol 12 u fol 60 tal-istess atti) illi ghall-habta tal-5am, hu kien qed jsuq fit-triq li mill-lukanda 'Maritim' tasal sar-'roundabout' fil-bidu tal-Mellieha. Hu kien qed jsuq ghad-dritt minghajr xi dawra fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq xi metru u nofs mill-hajt waqt li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien gej il-konvenut flimkien ma traffiku iehor. L-istess triq hi wiesa' madwar disa' (9) metri u vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta facilment jistghu jghaddu ma' genb xulxin. Meta kien madwar ghaxar (10) metri boghod minn dawra li tinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq '… fegg Kevin Davison bi 'speed' qawwi … skiddja (minhabba) n-nida'. Hawnhekk, hu ntlaqat meta kien dejjem 'on the proper side of the road' cjoe fuq ix-xellug' u dan fuq in-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa minnu. Difatti

r-rota tieghu ta' quddiem fuq il-lemin inqalghet mal-impatt ' … u ix-xaft tal-karozza tieghi gie mat-triq', u bhala konsegwenza 'giref it-triq'. Dwar dan, hu semma li 'Ix-xaft tieghi wehel mat-triq u (l-vettura misjuqa minnu daret qisu cirku ossija nofs cirku' . Hu esebixxa l-iskizz maghmul minn PC 419 Anton Buttigieg u li jinsab a fol 17 ibid, waqt li hu qabel mal-posizzjoni kif spiccaw il-vetturi rispettivi, hu semma' li dik il-barxa ossija girfa kien urija lill-Pulizija '… anzi ghidt lill-pulizija li din il-girfa kienet tindika li jiena kont fuq sajdi'. Pero, peress li ma kienetx giet imnizla fuq l-iskizz jew rapport, hu stess, waqt ix-xhieda tieghu pingiha bil-lapes kif jidher a fol17 bl-ittra, f'cirku A. Hu semma ukoll illi fejn hemm dik id-dawra ossija liwja, fuq in-naha fejn kien qed jsuq il-konvenut, hemm sinjali ta' 'slow'. Inoltre jidher ukoll li sar access, xi zmien wara l-incident fuq l-istess post presenti l-partijiet u rappresentanti tad-ditti assikuratrici rispettivi (ara f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Stephen Conti a fol 39 et seq ibid u ta' Audrey Sant u Charles Cassano a fol 47 u fol 49 et seq ibid rispettivament kif ukoll tal-attur a fol 22, fol 23, 70 u fol 93. Inoltre kienu ittiehdu ritratti tal-post tal-incident u li jinsabu a fol 26 et seq ibid (ara b'mod specjali ir-ritratti markati FB13 u 14 a fol 28 ibid). In kontro-esami, hu semma li kien qed jsuq b'velocita ta' 35/40 kilometri fis-siegha. Inoltre 'Meta gara l-incident kont ili li qbizt karozza pparkeggata fuq ix-xellug tieghi' u '… kienet il-boghod minni, warajjha xi tletin (30) jew erbghin (40) metru' meta gara l-istess incident (ara, ukoll, dak li xehed Albert Fenech, li kien passiggier ma Carl Borg a fol 52 et seq ibid).

Illi l-imsemmi pulizija PC 419 Anton Buttigieg (fol 34 u fol 84 et seq ibid) ikkonferma li fuq in-naha fejn kien qed isuq il-konvenut lejn Selmun, hemm sinjali ossija marki ta' 'slow'. Inoltre ma setax jindika l-'spot of impact' peress li kien hemm hafna trab u 'debris' ta' karozzi ohrajn. Dwar l-iskizz li, di gja, sar referenza ghalih, dan kien skalat. Dwar il-barxa, hu sostna li kieku kien raha, kien jnizzilha fuq l-istess skizz u ma ftakarx jekk xi hadd kien informah dwarha. Pero l-vettura misjuqa minn Carl Borg kellha '… rota wahda maqlugha'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut kif jidher a fol 19 ibid kien stqarr lill-imsemmi pulizija illi Carl Borg kien gie fuq in-naha tat-triq tal-istess konvenut 'peress li kien (hemm) vettura ohra (parkeggata)'. Meta xehed (fol 72 et seq ibid) qal li kien qed jsuq '… kwazi mal-hajt'. Fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm 'jeep' parkeggata u Carl Borg, li kien gej mid-direzzjoni opposta u bid-dwal fuq l-'bright' jidher li ddecieda li jaqla l-vettura parkeggata u bhala konsegwenza' gie 'head on' go fija'. Meta gara dan l-impatt, hu kien di gja, qabez il-liwja u kien qed jsuq ghad-dritt. Dwar il-vettura tieghu, din ma tkaxkret xejn '… anzi waqfet mal-ewwel'. Inoltre, hu kkonferma li l-vettura l-ohra nqalghetilha rota u '.. waqfet boghod hafna …' mill-vettura tieghu. In kontro esami, hu sostna li 'Mhux minnu li l-impatt gara fejn hemm dik il-barxa fl-art' izda dan gara '… fejn waqaft jien'. Izda wara hu zied 'Il-barxa …. kienet vicin hafna …. tal-karozza l-ohra ….'.

Ikkunsidrat

Illi, dwar ir-responsabilita ta' dan l-incident jidher li l-unika prova li tista tghin il-Qorti sabiex tasal sabiex tiddeciedi dan il-punt, hi dik il-girfa ossija barxa li ssemmiet diversi drabi fix-xhieda. Dwar din il-prova, l-istess Qorti tara, fuq bazi ta' probbabilta illi:-

a) din giet kawzata meta, minhabba din il-kollisjoni, kienet inqalghet ir-rota tal-lemin fuq quddiem tal-vettura misjuqa minn Carl Borg u ghal certa distanza l-istess vettura kienet tkaxkret fuq ir-'rim' tal-istess rota.

b) L-istess barxa tindika li meta grat il-kollisjoni, il-vettura misjuqa minn Carl Borg kienet ' on the proper side of the road'.

c) Jigi rilevat illi hu minnu illi 'skiddjatura' ghandha tigi kunsiderata bhala fattur newtrali sakemm ma jidhirx dan il-fattur jkun abbinat ma iehor ta' natura negligenti bhal velocita eccessiva. F'dan l-kaz irrizulta li fuq in-naha fejn kien qed jsuq il-konvenut kien hemm sinjali ta' 'slow' liema sinjali jidher li gie informat mill-istess konvenut li kien qed jsuq ma' linja fi triq niedja.

d) Dan juri illi kien il-konvenut li, aktarx minhabba l-velocita tieghu abbinat mat-triq li kienet niedja meta dar mal-liwja msemmija, kien spicca oltre l-linja medjana immaginarja invada l-karreggata fejn kien qed jsuq Carl Borg.

Illi, ghalhekk, ir-responsabilta ta' din il-kollisjoni ghandha tigi akkollata 'in toto' lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' ta' danni issir refrenza ghall-ircevuti kollha annessi mal-atti a fol 94 sa fol 107 ibid u ghas-'survey report' a fol 24 ibid kif konfermat minn ' Colin Cassar (fol 37 ibid) li kien gie inkarigat mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut. Minn dawn id-dokumenti, li ma gewx kontestati, jidher li l-ammont mitlub fl-avviz, ghandu jigi accettat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u

a) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligena u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
b) Tillikwida l-ammont ta' danni involuti fl-ammont ta' Lm3300 ossija €7686.93 u;
c) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm3300 ossija €7686.93 bl-imghax legali mill-5 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2001 u tal-10 ta' Jannar 2002.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------